MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2007

Numru. 1109/2005

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli)

vs

Amadeo Grima

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Amadeo Grima, ta' 25 sena, iben Anthony u Anna Louise nee' Borg, imwieled Pieta nhar it-8 ta' April,

1980 u li prezentement jirresjedi fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 259780(M), gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-10 ta' Settembru 2002 f'xi hin bejn il-12.15p.m. u 3.30p.m. waqt li kien fis-Siggiewi, ikkommetta serq ta' LM 70 fi flus kontanti mill-hanut "Agricentre" liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz, u dan sar ghad-detriment tad-Diretturi tal-Agricultural Co-operative Ltd.;

Kif ukoll talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli; liema hsara teccedi l-LM 10, izda inqas minn LM 50, u dan ghad-dannu tad-Diretturi tal-Agricultural Co-operative Ltd;

Akkuzat talli irrenda ruhhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta Awla 6) datata 11 ta' Awissu 1998 u mill-Qorti ta' l-Appell datata 3 ta' Marzu 2000, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Finalment akkuzat ukoll talli kiser id-disposizzjonijiet tal-Art 9 Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Magistrat Joseph Cassar LL.D. fil-15 ta' Lulju 2000;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 14 ta' Dicembru, 2005 sabiex fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti ta' l-imputat din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja (a folio 11).

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar fil-5 ta' Mejju, 2006 ai termini ta' l-Artikoli 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta (a folio 12).

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda serq bi sgass li sar fl-10 ta' Settembru, 2002 mill-hanut bl-isem ta' Agricentre li jinsab

fi Triq it-Tabib Nicola Zammit, is-Siggiewi. L-Ispettur Victor Aquilina li xehed fis-seduta tal-5 ta' Mejju, 2006 qal li fl-imsemmija data huwa kien ghadu jokkupa l-grad ta' surgent u kien stazzjonat l-Ghassa ta' Hal Qormi. Ghall-habta tat-3.20p.m. huwa rcieva telefonata minghand certu Joseph Callus li rraporta li meta huwa mar sabiex jiftah il-hanut bl-isem ta' Agricentre, is-Siggiewi, huwa kien sab il-bieb sgassat u nduna li xi persuna jew persuni mhux maghrufa kienu fethulu l-cash register u hadu l-ammont ta' madwar sebghin lira Maltin (LM70) mill-istess cash register. Dan ix-xhud spjega li huwa kien mar fuq il-post u nnota li l-bieb tal-hanut, li kien bieb ta' l-aluminium, kellu daqqiet ta' lieva. Huwa qal ukoll li sabiex tasal ghal hanut hemm bankina u mbaghad parapett ta' madwar zewg metri u nofs u mbaghad hemm il-bieb ta' l-aluminium.

Joseph Callus li wkoll xehed fis-seduta tal-5 ta' Mejju, 2006, qal li fl-10 ta' Settembru, 2002 ghall-habta ta' l-12.15p.m. huwa kien ghalaq il-hanut bhal ma jaghmel is-soltu f'dak il-hin. Meta mar lura huwa sab li kienu naqsu xi flus mill-cash register konsistenti f'karti kif ukoll fidda u ammontanti ghal madwar sebghin lira Maltin (LM70). Dan ix-xhud spjega li huwa mpejgat ma' l-Agricultural Co-Operatives Limited li hija l-proprjetarja tal-hanut Agricentre. Huwa qal ukoll li l-cash register minn fejn ittiehdu l-flus ma kienx maghluq bic-cavetta u l-bieb ta' barra tal-hanut kien maghluq biss fuq il-bieb tal-hgieg fis-sens li x-shutter ma kienx imnizzel. Huwa spjega li meta jaghlaq il-hanut wara nofsinhar qatt ma jnizzel ix-shutter u dan sabiex il-klijenti jindunaw li huwa ser jerga' jirritorna u jiftah il-hanut. Huwa qal ukoll li lill-imputat qatt ma rah fil-hanut fiz-zmien in kwistjoni.

Carmelo Azzopardi li xehed fis-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006, qal li huwa l-manager ta' l-Agircultural Co-operatives Limited u qal li l-hanut Agri-Centre fis-Siggiewi huwa wiehed minn sensiela  ta' hwienet li din is-socjeta' ghandha mxerrdin ma' Malta kollha.  Huwa qal li apparti l-flus kontanti li nstabu neqsin fl-10 ta' Settembru, 2002, kien hemm ukoll hsara fil-lock tal-bieb ta' l-aluminium li jaghti access ghal hanut in kwistjoni, izda ma kienx f'posizzjoni jindika kemm kienet tammonta din il-hsara.

Ikkunsidrat:

Illi saret inkjesta magisterjali dwar is-serq bi sgass u l-hsara voluntarja li jifformaw il-mertu ta' din il-kawza (il-process verbal relattiv jinsab esebit a folio 16 et seq tal-process odjern) u fl-atti ta' din l-inkjesta kien gie nominat PS 659 Jeffrey Hughes bhala scene of crime officer sabiex jaghmel tfittxija ghal dawk il-marki possibbli fil-fond in kwistjoni. Mir-rapport tieghu esebit a folio 20 et seq tal-process verbal jirrizulta li huwa sab diversi marki li gew imwahhla ma' lifting tape u ffotografati fuq il-lok (vide folio 23 et seq tal-process verbal).

Illi permezz ta' digriet moghti mill-Magistrat Inkwirenti fl-14 ta' Ottubru, 2004 gie nominat PC 956 Andrew Caruana bhala espert ta' l-impronti digitali sabiex jiehu l-marki tas-swaba tas-suspettat Amadeo Grima, u cioe' l-imputat odjern, u gie mahtur ukoll Ivan Portelli bhala espert ta' l-impronti digitali li nstabu fuq ix-xena tar-reat.

Mill-ezami komparattiv li sar mill-espert hawn fuq imsemmi rrizulta li d-dokument immarkat bhala 02 CE 1 302, li kienet tikkonsisti f'impronta digitali misjuba fuq il-bieb principali tal-hanut minn barra u fil-parti t'isfel, giet identifikata mas-seba' l-werrej ta' l-id ix-xellugija ta' Amadeo Grima (Dok. AC) u r-rizultat komparattiv kien ghalhekk wiehed pozittiv.

Ikkunsidrat:

Illi kif ghadu kemm intqal fil-paragrafu precedenti, l-ezami komparattiv li sar bejn impronta digitali li giet elevata minn fuq ix-xena tar-reat dakinhar stess li sehh ir-reat, u precizament fuq il-parti t'isfel tal-bieb principali tal-hanut bl-isem ta' Agri-Centre u minn barra, kienet taqbel ma' l-impronta digitali ta' l-imputat odjern.

Mill-provi u senjatament mix-xhieda ta' Joseph Callus, irrizulta wkoll li huwa ma kienx ra lill-imputat fil-hanut fiz-zmien in kwistjoni. Dan ifisser li huwa ma identifkahx bhala persuna li kienet dahlet fil-hanut bhala klijent. Inoltre

mix-xhieda ta' l-Ispettur Victor Aquilina rrizulta wkoll li sabiex wiehed jaccedi ghal hanut hemm bankina u parapett ta' madwar zewg metri u nofs. Dan ifisser li marki jew impronti digitali li nstabu fuq in-naha ta' barra tal-bieb tal-hanut, bilfors kienu ta' xi hadd li ried jaccedi ghall-istess hanut u mhux ta' persuna li nzertat ghaddiet minn quddiem l-istess hanutu li ghalhekk l-imputat li tieghu instabet l-impronta digitali fuq il-bieb tal-hanut min-naha ta' barra fil-fatt kien acceda fl-ismemmi hanut.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-akkuzi migjuba fil-konfronti ta' l-imputat sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali u cioe' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, inkluzi l-akkuzi ta' recediva, izda biss skond dak li jidisponi l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu jirigwarda din la-kkuza, u l-akkuza li huwa kiser id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152 (illum Kap 446).

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li ghalkemm l-imputat kien qed jiskonta perijodu ta' prigunerija meta nhargu l-akkuzi odjerni dan ma kienx il-kaz meta gew kommessi s-serq u l-hsara volontarja in dizamina, u cioe' fl-10 ta' Settembru 2002. Il-Qorti kkunsidrat ukoll l-ammont involut kif ukoll tt-trapass sostanzjali taz-zmien minn meta sehh ir-reat sakemm inghatat is-sentenza odjerna u dehrilha li ma kienx opportun li tinfliggi piena karcerarja.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 263, 278 (1), 325 (c), 49, u 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 9 tal-Kap 152 (illum Kap 446) u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal prigunerija ta' tmien (8) xhur sospiza ghal sentejn (2) millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabilita' tieghu skond il-ligi jekk huwa

jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------